**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Frar, 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1415/01**

**Carmelo Bellizzi**

**vs**

**Abdul Rahim u martu Angela Rahim**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm282.75c (mitejn u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rapprezentanti in kwantu ghal Lm140 arretrati ta' kera ta' appartament numru 3, Block D, Bellizzi Estate, Triq San Aristarku, San Pawl il-Bahar, liema appartament kien lokat lill-konvenuti, filwaqt li l-bilanc ta‘ Lm142.75 jirrapprezenta konsum ta‘ dawl u ta' ilma li ma gewx imhallsa.

Il-konvenuti ghandhom ihallsu wkoll l-ispejjes ta' dawna l-proceduri kif ukoll dawk tal-ittra bonarja datata 15 ta' Ottubru 2001.

Ra li l-konvenuti baqghu ma ipprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema' lil attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm282.75c (mitejn u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rapprezentanti arrettrati ta' kera u konsum ta' dawl u ilma. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**